# KUNSILL LOKALI SIĠĠIEWI
## *CITTÀ FERDINAND*

## SEDUTA NRU 314 – Il-Ħamis 18 ta' Jannar 2016

## AĠENDA
1. Qari u approvazzjoni tal-Minuti
2. Punti li joħorġu mill-Minuti
3. Finanzi: Approvazzjoni ta' pagamenti
4. Kuntratti
5. Mozzjonijiet
6. Ħwejjeġ oħrajn.

## MINUTI

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku, 18, Pjazza San Nikola, is-Siġġiewi, fis-7.00 p.m. Ippresieda s-Sindku Dr Karol Aquilina.

### PREŻENTI
Is-Sindku Dr Karol Aquilina
Il-Viċi Sindku Dr Alessia Psaila Zammit
Il-Kunsillier is-sur Julian Borg
Il-Kunsillier is-sur Nicholas Cassar
Il-Kunsillier Clayton Cutajar
Il-Kunsilliera is-sinj. Gillian Farrugia Pace
Il-Kunsillier Dominic Grech

Uffiċjal: Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sur Nicholas Baldacchino

### TALBA
Is-Sindku stieden lill-membri sabiex tingħad it-talba.

## 1 QARI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI
Is-Sindku ippropona li l-Minuti tas-Seduta 313 jkunu approvati bħala dokument korrett. Il-Kunsillier Dominic Grech issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

# 2 PUNTI LI JOHORĠU MILL-MINUTI

**2.1 Talba ma' Transport Malta dwar *restricted access* fi Triq l-Imqabba**

Is-Sindku qal li ma kien irċieva l-ebda tweġiba mingħand iż-żewġ Sindki u għalhekk jifhem li ma kellhom l-ebda kumment x'jagħmlu. Għal din ir-raġuni se jikteb lil TM fejn jgħidilhom li ikkonsulta kif kien mitlub mingħajr ma rċieva l-ebda tweġiba. Dan ma jfissirx li TM se tapprova t-talba tal-Kunsill.

**2.2 Mafkar Mons. Mikiel Azzopardi**

Is-Sindku qal li l-inawgurazzjoni tal-mafkar għadha se ssir nhar il-Ħadd 31 ta' Jannar mill-Eċċellenza Tagħha l-President ta' Malta Marie-Louise Coleiro Preca. Madankollu jekk ikun il-maltemp iċ-ċerimonja ssir fiċ-Ċentru Ċiviku.

# 3 FINANZI

**3.1 Pagamenti**

Is-Segretarju Eżekuttiv poġġa fuq il-mejda kopja tad-dokument li juri l-lista tal-pagamenti. Is-Sindku ippropona li l-pagamenti jiġu approvati kif inhuma. Il-Viċi Sindku issekondat u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

**3.2 Estimi finanzjarji għal 2016**

Is-Sindku poġġa fuq il-mejda kopja tad-draft tal-estimi għas-sena finanzjarja 2016. Huwa qal li flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv ħejjew dawn l-estimi wara li ħadu in konsiderazzjoni d-dħul li mistenni jagħmel il-Kunsill kif ukoll in-nefqiet rikorrenti. Huwa kompla jipproponi li bħala spejjeż kapitali ikunu ivvutati €125,000 għall-bandli ta' Triq Mons Mikiel Azzopardi, €60,000 għaċ-Ċentru Ċiviku u €7,000 għall-Basketball Court.

Wara d-diskussjoni, u wara li l-estimi ġew issekondati mill-Kunsillier Julian Borg, il-Kunsill qabel b'mod unanimu.

# 4 KUNTRATTI

**4.2 LCS 02/16 Supply of Cold Asphalt**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li din il-materja kienet diskussa fis-seduta preċedenti (313) imma bi żvista ma ġietx rekordjata fil-minuti tal-istess seduta. Is-Sindku kien ippropona li billi dan il-kuntratt kien skada fit-2 ta' Diċembru, għandha toħroġ sejħa għall-offerti u li l-kuntratt preżenti jiġġedded bi tliet xhur sakemm jiġi mogħti l-kuntratt il-ġdid.

Il-Kunsillier Nicholas Cassar kien issekonda u l-Kunsill kien qabel b'mod unanimu.

**4.2 Supply, installation and commissioning of playground equipment SLC 29/15**

Is-Sindku qal li għal din is-sejħa għall-apparat tal-bandli fi Triq Dr Nikola Zammit.

kienu daħlu żewġ offerti waħda ta' FGL (Forestals) bil-prezz ta' €78,225 u l-oħra ta' JGC li din tal-aħħar kellha Option 1 (€79,995) u Option 2 (€77,387). Il-Perit tal-Kunsill wara li studja t-tliet offerti, irrakkomnda l-irħas waħda iġifieri Option 2 ta' JGC.

Is-Sindku ippropona li għandna nilqgħu r-rakkomandazzjoni tal-Perit.
Il-Kunsillier Clayton Cutajar issekonda u l-Kunsill irriżolva favur b'mod unanimu.

# 5 MOZZJONIJIET

## 5.1 Mozzjoni dwar għoti ta' wiċċ ġdid fi Triq il-Mitħna

Is-Sindku ressaq din is-segwenti mozzjoni sekondata mill-kunsilliera Gillian Farrugia Pace, li taqra:

"Billi teżisti l-ħtieġa li Triq il-Mitħna fis-Siġġiewi tingħata wiċċ ġdid kif ukoll jinbnew mill-ġdid il-bankini tal-istess triq;

"U billi Triq il-Mitħna fis-Siġġiewi hija waħda mit-toroq li l-aktar jgħaddu vetturi minnha nkluż dawk tat-trasport pubbliku;

"Għaldaqstant, il-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi mlaqqa' illum it-Tnejn 18 ta' Jannar 2016:

1. Jirriżolvi li matul is-sena 2016 jwettaq dawk ix-xogħlijiet kollha meħtieġ sabiex jingħata wiċċ ġdid lil Triq il-Mitħna fis-Siġġiewi kif ukoll jinbnew mill-ġdid il-bankini li jinsabu fl-istess triq;

2. Jirriżolvi li sabiex jitwettqu dawn ix-xogħlijiet fi Triq il-Mitħna fis-Siġġiewi, jalloka l-ammont ta' sittin elf Ewro (€60,000) bħala parti mill-estimi finanzjarji għas-sena 2016; u

3. Jirriżolvi li jitlob lill-entitajiet kollha kkonċernati, b'mod partikolari lill-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma, sabiex mill-iktar fis possibbli jwettqu dawk ix-xogħlijiet kollha meħtieġa b'rabta mas-servizzi li għaddejjin mill-istess triq u dan bil-għan li l-wiċċ u l-bankini tagħha ma jerġgħux jinqalgħu ġaladarba l-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi jkun lesta ix-xogħlijiet kollha stabbiliti permezz ta' din il-mozzjoni."

Il-mozzjoni kienet sekondata mill-Kunsilliera Gillian Farrugia Pace.

Is-Sindku qal li dan ix-xogħol jista' jsir jekk tissolva l-problema tas-servizz tad-drenaġġ li jrid jiknbidel kollu u għal din ir-raġuni se jsir *coordination* meeting mal-entitajiet konċernati.

Wara diskussjoni il-Kunsill irriżolva b'mod unanimu favur.

**5.2 Mozzjoni dwar espressjoni ta' interess dwar bini ta' track għat-tlielaq tal-karrozzi**

Is-Sindku ressaq mozzjoni, sekondata mill-Viċi Sindku, li taqra:

"Billi nhar id-29 ta' Settembru 2015 il-Gvern ippubblika sejħa għal espressjoni ta' interess dwar il-bini ta' *track* u faċilitajietoħra għat-tlielaq tal-karrozzi;

"U billi diġà ġie rrappurtat diversi drabi u b'mod insistenti fil-mezzi tax-xandir, li wieħed mis-siti li ser jiġu proposti minn dawk interessati huwa dak magħruf bħala ta' San Niklaw fis-Siġġiewi viċin id-Dar tal-Providenza;

"U billi nhar il-Ħamis 1 t'Ottubru 2015 il-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi irriżolva l-jistqarr ruħu kontra li fil-konfini tal-lokalità tas-Siġġiewi u b'mod partikolari fiz-zona magħrufa bħala ta' San Niklaw li tinsab viċin id-Dar tal-Providenza, tintuża xi art pubblika jew privata sabiex tinbena *track* u faċilitajiet oħra għat-tlielaq tal-karozzi;

"U billi l-imsemmija sejħa għal espressjoni ta'interess tagħlaq nhar l-Erbgħa 20 ta' Jannar 2016:

"Għaldaqstant il-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi mlaqqa' llum it-Tnejn 18 ta' Jannar 2016:

1. Jirriżolvi li mill-ġdid jappella u jsejjaħ lill-Gvern kif ukoll lil dawk kollha li ser jippreżentaw il-proposti tagħhom skont is-sejħa għal espressjoni ta' interess li tagħlaq nhar l-Erbgħa 20 ta' Jannar 2016, sabiex ma jipproponu, jikkonsidraw jew jaċċettaw l-ebda sit li jinsab fil-konfini tal-lokalità tas-Siġġiewi u b'mod partikolari fiz-zona magħrufa bħala ta' San Niklaw li tinsab viċin id-Dar tal-Providenza;

2. Jirriżolvi li jitlob u jħeġġeġ lill-Gvern sabiex mal-għeluq taż-żmien għall-preżentazzjoni tal-proposti nhar l-Erbgħa 20 ta' Jannar 2016, b'mod immedjat jagħmel pubbliċi il-proposti kollha li jkunu ġew ippreżentati inkluż iżda mhux biss id-dettalji kollha tas-siti li jkunu ġew proposti għall-bini ta' *track* u faċilitajiet oħra għat-tlielaq tal-karozzi u dan bil-għan li jkun jista' jsir skrutinju sħiħ tagħhom; u

3. Jirriżolvi li jkompli jieħu dawk il-miżuri kollha meħtieġa sabiex jagħmel dawk ir-rappreżentazzjonijiet li jkunu meħtieġa skont dak stabbilit permezz tal-mozzjoni approva mill-Kunsill tas-Siġġiewi nhar il-Ħamis 1 ta' Ottubru 2015 u ta' din il-mozzjoni.

"Kopja ta' din il-mozzjoni kif approvata għandha tintbagħat lil-Prim Ministru – l-Onor. Dott. Joseph Muscat, lis-Segretarju Parlamentari għall-Isport – l-Onor. Chris Agius, lid-Direttur tad-Dar tal-Providenza – Fr Martin Micallef, liċ-

*Chairman* tal-Awtorità dwar l-Ambjent u l-Ippjanar – il-Perit Vince Cassar, liċ-*Chairman* tal-Privitisation Unit – Dr Emmanuel Camilleri u tiġi ippublikat stqarrija għall-mezzi tax-xandir.

Il-kunsilliera Clayton Cutajar, Dominic Grech u Nicholas Cassar qalu li mozzjoni ta' natura sensittiva bħalma hija din, minkejja li hija mniżżla fl-aġenda, kienu jixraq li tkun għandhom qabel is-seduta biex tkun tista' tiġi miflija aħjar.

Is-Sindku wieġeb li kien hemm xniegħa li d-dealine kienet se tiġi estiża. Hu baqa' jittama li jsir hekk, imma sa qabel is-seduta ma kien hemm l-ebda ħjil li dan seta' jiġri. Għalhekk kien qed iressaq din il-mozzjoni qabel l-eventwalità tad-deadline li huwa l-Erbgħa li ġej. Din kienet ir-raġuni li l-mozzjonii ma ntbagħtitx qabel.

Il-Kunsillier Dominic Grech qal li din il-mozzjoni tirrigwardja xi ħaġa li għadha biss suppożizzjoni u għadma hemm xejn fattibli. Barra minn hekk jidher li hemm numru ta' Siġġiwin li mhux qed jieħdu pożizzjoni kontra li dan it-track isir is-Siġġiewi għax jarawh bħala xi ħaġa ekonomikament pożittiva. Għalhekk, iħoss li għandna nwessgħu d-diskussjoni u nieħdu feedback mingħand is-Siġġiwin.

Is-Sindku qal li bħalma għamel okkażjonijiet oħrajn, ma jixtieqx tinbet l-idea li dan il-proġett isir is-Siġġiewi. Kompla jgħid li ma jixtieqx li l-Kunsill jibqa' newtrali dwar din il-materja.

Il-Kunsillier Julian Borg qal li li hawn diversi li jitkellmu fdavur it-track per se, u mhux neċessarjament jaqblu li ssir is-Siġġiewi. Huwa qal li jaqbel mat-track imma mhux li ssir f'art li se jintilfu daqshekk għelieqi. Kompla jgħid li hu favur il-mozzjoni biex jidher ċar li m'għandhiex issir fis-Siġġiewi. Jekk fl-*expression of interest* jissemma s-Siġġiewi, din terġa tiġi diskussa fil-Kunsill, kif ukoll issir konsultazzjoni mar-residenti.

Is-Sindku qal li żviluppat sitwazzjoni li riedet tiġi indirizzata mal-ewwel. Bħala persuni eletti hija responabbiltà tagħna li nieħdu azzjoni inkella l-problema tista' tkompli tikber.

Il-Kunsillier Clayton Cutajar insista li kien ikun aktar prudenti li mozzjoni ta' din il-materja tkun mgħoddija lill-kunsilliera qabel u mhux waqt is-seduta.

Il-Kunsill għadda għal vot bil-votazzjoni taqra:
Favur (4) Dr Karol Aquilina, Dr Alessia Psaila Zammit, Julina Borg, Gillian Farrugia Pacel
Kontra (1) Nicholas Cassar;
Astensjonijiet (2) Clayton Cutajar u Dominic Grech.

Il-mozzjoni għaddiet.

# 5 HWEJJEĠ OHRAJN

**5.1 Performance Bonus tal-Impjegati**

Is-Sindku ippropona li s-Segretarju Eżekuttiv is-sur Nikol Baldacchino, kif ukoll l-impjegati Ms Ritienne Giorgino, Ms Maria Muscat, u Ms Agnes Borg jingħataw il-*performance bonus* għall-massimu li tippermetti l-liġi u r-regolamenti relatati.

Il-Viċi-Sindku issekonda u l-Kunsill irriżolva unanimament. Il-Kunsillier Clayton Cutajar issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

**5.2 Patching fi Triq Enrico Vassallo**

Diversi kunsilliera tkellmu dwar il-ħtieġa li jissewwa l-wiċċ tal-parti tat-triq fejn għada mhux miftuħa. Is-Segretarju Eżekuttiv qal ukoll li hemm PQ dwar din il-materja.

Is-Sindku qal li hemm *enforcement notice* dwar żvilupp privat li qed jagħlaq it-triq u dan l-għeluq itellef mill-flow tal-ilma. Jekk tissewwa din il-parti tat-triq ikun hemm il-periklu li l-ilma ma jkollux fejn imur.

**5.3 Laqgħa ta' Konsultazzjoni dwar ir-Refurbishment dwar Għar Lapsi**

Is-Sindku ippropona li fil-25 ta' Jannar il-Kunsill jorganizza konsultazzjoni pubblika dwar it-tisbiħ tal-bajja ta' Għar Lapsi qabel tiġi sottometta l-applikazzjoni mal-MEPA. Il-Viċi Sindku issekondat u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

**5.4 Basketball Court**

B'riferenza għall-estimi finanzjarji, is-Sindku qal li l-Club tal-Basketball għandhom ammont ta' flus mingħand il-Gvern Ċentrali biex jirranġaw il-Court tal-Basketball. Il-Club issuġġerixxa li dan il-proġett isir bi sħab mal-Kunsill. Għal din ir-raġuni qed isir provediment ta' €7,000, madankollu jridu jsiru aktar diskussjonijiet biex jiġi stabilit pjan ta' azzjoni.

**5.5 Jum is-Siġġiewi**

Is-Sindku qal li kien se jiċċirkola abbozz ta' programm waqt li ippropona li l-attività prinċipali ssir is-Sibt 27 ta' Frar u l-jum tal-isports isir il-Ħadd 13 ta' Marzu.

**5.6 Trejqet l-Anġli**

Din il-materja għandha tiġi segwita fis-seduta li jmiss.

**5.7 Attività Korali b'riżq id-Dar tal-Providenza**

Is-Sindku qal li l-Kunsill kien qed jiġi jintalab minn Kor biex jorganizza attività korali s-Sibt 5 ta' Marzu fil-Knisja Parrokkjali bil-għan li jiġabru fondi b'riżq id-Dar tal-Providenza. Dan il-kunċert jista' jkun parti mill-attivitajiet ta' Jum is-Siġġiewi. L-ispiża m'għandheix taqbeż l-€1,000.

**5.8 Attività tal-Karnival**

Is-Sindku qal li kien irċieva proposta biex is-Siggiewi Brass Band jorganizza flimkien mal-Kunsill l-attività tal-Karnival. Is-Sindku ippropona li din issir fil-Pjazza.

**5.9 Miżuri dwar storbju fil-Pjazza kawżat minn vetturi tat-trasport pubbliku**

Is-Sindku qal li resident fi Triq id-Dejqa, is-sur Paul Cilia, f'dawn l-aħħar xhur għamel numru mdaqqas ta' ilmenti dwar ħsejjes ikkawżati minn vetturi tal-Malta Public Transport li jibqgħu startjati fil-Pjazza. Huwa kompla jgħid li l-Ministru tat-Trasport huwa konxju minn din il-problema li din tista' tissolva jekk jinbidel it-tip ta' vetturi użati. Il-każ ukoll ġie investigat mill-Ombudsman.

Is-Sindku qal li kien qal lill-Ministru li jekk is-sitwazzjoni ma tinbidilx sal-aħħar tas-sena (2015) kien se jħejji *bye-law* li tgħid li ma tistax tħalli vetturi kbira startjata fil-Pjazza.

Għalhekk kien qed jipproponi li tiġi mħejji din il-bye-law. Il-Kunsillier Dominic Grech issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

**5.10 Triq Dun Manwel Zammit**

Is-Sindku qal li fl-imsemmija triq seħħew diversi inċidenti, wieħed minnhom fatali. Huwa qal li xi residenti tkellmu miegħu u qalu li billi t-triq hija wiesgħa ħafna hija xi ftit mudlama, kif ukoll il-mod ta' *traffic calming measures* li hemm mhumiex siguri. Is-suġġeriment huwa li dawn jitneħħew u minflokhom jitpoġġew *traffic calming measures* tar-*rubber.* Għal dan il-għan għandu jsir kuntatt mal-*engineer* tal-Enemalta dwar il-lampi u tintalab stima tat-*traffic calming measures* mingħand Grima & Sons Ltd.,

**5.11 Road signs fi Triq l-Imqabba (Ta' Kandja)**

Il-Kunsillier Dominic Grech semma l-ħtieġa ta' road signs viċin iċ-Ċentru tal-Falkuni. Isd-Sinku qal li wara li s-sena l-oħra inqabeż il-budget tar-road signs, dawn jistgħu isiru din is-sena.

**5.12 Resurfacing fl-ewwel parti tat-Triq ta' Kandja**

Il-Kunsillier Dominic Grech semma dwar il-ħsara li hemm fil-bidu tal-imsemmija triq. Is-Sindku u l-Kunsillier Julian Borg qalu li hemm problemi strutturali f'dik il-parti tat-triq. Għal dan il-għan għandha tintalab l-għajnuna ta' TM dwar din il-materja.

## GĦELUQ TAS-SEDUTA

Is-Sindku iddikjara magħluqa fid-:00pm u ippropona li l-Kunsill jerġa' jitlaqqa' Nhar it-Tnejn l-1 ta' Frar 2016, fis-7.00p.m. Il-Kunsill unanimament aċċetta.

**L-Avukat Dr Karol Aquilina**
**Sindku**

**Is-Sur Nikol Baldacchino**
**Segretarju Eżekuttiv**

**Konfermati llum it-Tnejn, l-1 ta' Frar 2016**

## Skeda tal-Ħlasijiet - Rapport ta’ Xiri u Pagamenti

**Data: 17/12/15-18/1/16**

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 1 | n.baldacchino | 135.10 | 135.10 | d | pf | bonus dec15 | | | | | 1300 | |
| 2 | r.giorgino | 135.10 | 135.10 | d | pf | bonus dec15 | | | | | 1300 | |
| 3 | m.muscat | 135.10 | 135.10 | d | pf | bonus dec15 | | | | | 1300 | |
| 4 | a.borg | 135.10 | 135.10 | d | pf | bonus dec15 | | | | | 1300 | |
| 5 | employees | 5326.66 | 5326.66 | d | pf | salaries dec15 | | | | | 0 | |
| 6 | k.aquilina | 705.05 | 705.05 | d | pf | honoraria dec15 | | | | | 1100 | |
| 7 | k.aquilina | 640.00 | 640.00 | d | pf | allowance councillors july-dec15 | | | | | 1600 | |
| 8 | a.psaila zammit | 480.00 | 480.00 | d | pf | allowance councillors july-dec15 | | | | | 1600 | |
| 9 | j.borg | 480.00 | 480.00 | d | pf | allowance councillors july-dec15 | | | | | 1600 | |
| 10 | n.cassar | 480.00 | 480.00 | d | pf | allowance councillors july-dec15 | | | | | 1600 | |
| 11 | c.cutajar | 480.00 | 480.00 | d | pf | allowance councillors july-dec15 | | | | | 1600 | |
| 12 | d.grech | 480.00 | 480.00 | d | pf | allowance councillors july-dec15 | | | | | 1600 | |
| 13 | g.farrugia pace | 480.00 | 480.00 | d | pf | allowance councillors july-dec15 | | | | | 1600 | |
| 14 | waste collection ltd. | 39.90 | 39.90 | t | pf | underpayment Nov15 inv15/578 lcs12/13 | 31.12.15 | 15/578 | | | 3041 | 11164 |
| 15 | waste collection ltd. | 4315.33 | 4315.33 | t | pf | waste collection Dec15 inv15/577 lcs12/1 | 31.12.15 | 15/557 | | | 3041 | 11164 |
| 16 | mailbox services ltd. | 131.88 | 131.88 | d | pf | distribution leaflet milied dec15 inv3072 | 21.12.15 | 3072 | | | 2930 | 11166 |
| 17 | foresight ltd | 6815.12 | 6815.12 | t | pf | servizz ta' perit dec15 invmisc01016 | 5.1.16 | 1016 | | | 3130 | 11167 |
| 18 | synthesis | 826.00 | 826.00 | t | pf | supervisor of works dec15 inv sgw lc-027 | 4.1.16 | sgw lc-027 | lcs17/13 | | 3120 | 11168 |
| 19 | daniel cutajar | 559.55 | 559.55 | t | pf | collection bulky refuse dec15 inv36 lcs14 | 4.1.16 | 36 | lcs14/12 | | 3042 | 11169 |
| 20 | print right ltd | 1850.00 | 1850.00 | k | pf | printing of booklet kunsill zaghzagh inv14 | 15.12.15 | 145 | | po126/12 | 2610 | 11170 |
| | **Sub Total c/f** | **€24,629.89** | **€24,629.89** | | | | | | | | | |
| | **Total** | **€24,629.89** | **€24,629.89** | | | | | | | | | |

Segretarju Eżekuttiv

**Approvati fis-Seduta Nru: 314 tal-18/1/16**

Kunsillier

**Data:** **17/12/15-18/1/16**

| | **Fornitur** | **Ammont tal-Invoice** | **Ammont li ser Jitħallas** | **Metodu*** | | **Deskrizzjoni** | **Data tal-Invoice** | **Nru. tal-Invoice** | **Nru. tal-PR** | **Nru. Tal-PO** | **Nru. tan-Nominal Account** | **Nru. Taċ-Ċekk** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 21 | access point ltd | 62.29 | 62.29 | d | pf | mouse/keyboard/switch inv429 | 21.12.15 | 429 | | | 2620 | |
| 22 | access point ltd | 47.85 | 47.85 | d | pf | switch 4 way inv6273 | 18.12.15 | 6273 | | | 2620 | |
| 23 | salander print it | 829.50 | 829.50 | t | pf | printing of newsletter dec15 inv11396 po1 | 22.12.15 | 11396 | | 127/15 | 2610 | 11171 |
| 24 | martinelli mario | 177.00 | 177.00 | d | pf | rental of 15 easles inv11433 po128/15 | 21.12.15 | 11433 | | 128/15 | 3372 | 11172 |
| 25 | klikk | 65.00 | 65.00 | d | pf | wifi kit inv15036 | 30.12.15 | 15036 | | | 2620 | 11174 |
| 26 | papier plus | 28.00 | 28.00 | d | pf | stationery (to pay nikol) rec12712 | 30.12.15 | 12712 | | | 2620 | 11175 |
| 27 | colours of the rainbow | 20.00 | 20.00 | d | pf | funeral bouquet inv14944 | 15.12.15 | 14944 | | | 2670 | 11176 |
| 28 | colours of the rainbow | 50.00 | 50.00 | d | pf | confetti st nicholas feast inv35 | 15.12.15 | 35 | | | 2670 | 11176 |
| 29 | colours of the rainbow | 75.00 | 75.00 | d | pf | changing of all plants balcony inv57 | 15.12.15 | 57 | | | 2670 | 11176 |
| 30 | colours of the rainbow | 46.15 | 46.15 | d | pf | poinsiettas and christmas decorations inv5 | 27.11.15 | 53 | | | 2670 | 11176 |
| 31 | antonia aquilina | 105.12 | 105.12 | d | pf | librarian dec15 16hrsx6.57 | 31.12.15 | 12.15. | lcs29/95 | | 2995 | 11177 |
| 32 | nvc | 84.48 | 84.48 | d | pf | operating materials po113/15 inv5732 | 13.11.15 | 5732 | | 113/15 | 2210 | 11178 |
| 33 | nvc | 327.91 | 327.91 | d | pf | operating mat po98/101/103/105/108/114 | 25.8.15 | 5732 | 101/103/105/108/114/1 | | 2210 | 11178 |
| 34 | go | 42.06 | 42.06 | d | pf | 21465799/21465805 dec15 inv46597039 | 6.1.16 | 46597035 | | | 2160 | 11179 |
| 35 | go | 15.58 | 15.58 | d | pf | 21462946 dec15 inv46596979 | 6.1.16 | 46596979 | | | 2160 | 11179 |
| 36 | go | 63.28 | 63.28 | d | pf | 21466000/21466036 dec15 inv46597016 | 6.1.16 | 46597016 | | | 2160 | 11179 |
| 37 | go | 83.22 | 83.22 | d | pf | 21468874 dec15 inv46597007 | 6.1.16 | 46597007 | | | 2160 | 11179 |
| 38 | arms | 101.49 | 101.49 | d | pf | electricity 22/8/15-27/11/15 premises inv2 | 5.1.16 | 21448969 | | | 2130 | 11180 |
| 39 | arms | 167.39 | 167.39 | d | pf | water 22/8/15-27/11/15 premises inv2144 | 5.1.16 | 21448969 | | | 2130 | 11180 |
| 40 | arms | 49.98 | 49.98 | d | pf | dun anton vella 3/11/15-28/11/15 inv2144 | 5.1.16 | 21448965 | | | 2130 | 11180 |
| | **Sub Total c/f** | **€2,441.30** | **€2,441.30** | | | | | | | | | |
| | **Sub Total b/f** | **€24,629.89** | **€24,629.89** | | | | | | | | | |
| | **Total** | **€27,071.19** | **€27,071.19** | | | | | | | | | |

0 Segretarju Eżekuttiv

**Approvati fis-Seduta Nru: 314 tal-18/1/16**

0 Kunsillier

**Kunsill Lokali Siggiewi** **Skeda Nru. 314**

**Data: 17/12/15-18/1/16**

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 41 | arms | 11.39 | 11.39 | d | pf | dr a fenech 31/10/15-2/12/15 inv2144896 | 5.1.16 | 21448961 | | | 2130 | 11180 |
| 42 | arms | 236.26 | 236.26 | d | pf | electricity 22/8/15-27/11/15 premises inv2 | 5.1.16 | 21448971 | | | 2130 | 11180 |
| 43 | arms | 38.89 | 38.89 | d | pf | water 22/8/15-27/11/15 premises inv2144 | 5.1.16 | 21448971 | | | 2130 | 11180 |
| 44 | arms | 40.37 | 40.37 | d | pf | dr n zammit 31/10/15-2/12/15 inv214489 | 5.1.16 | 21448963 | | | 2130 | 11180 |
| 45 | charles cassar | 92.50 | 92.50 | d | pf | drinks party anzjani rec63750 | 22.12.15 | 63750 | | | 2670 | 11183 |
| 46 | party time | 47.60 | 47.60 | d | pf | partyware anzjani (to pay dorothy degarie | 19.12.15 | 43 | | | 2670 | 11182 |
| 47 | fresh and clean laundry | 15.00 | 15.00 | d | pf | laundry flags inv7724 | 16.12.15 | 7724 | | | 2670 | 11184 |
| 48 | vodafone | 63.13 | 63.13 | d | pf | 99491670 dec15 inv5020580012016 | 1.1.16 | 5020580012016 | | | 2160 | 11208 |
| 49 | cassie cutajar | 86.40 | 86.40 | d | pf | clerikal work saturdays dec15 12hrs x 7.2 | 31.12.15 | | | | 3065 | 11185 |
| 50 | carmelo sciberras | 950.00 | 950.00 | d | pf | sound system pjazza milied inv6 | 12.12.15 | 6 | | | 3372 | 11215 |
| 51 | avantech | 300.55 | 300.55 | d | pf | maintenance photocopier inv192951 | 15.12.15 | 192951 | | | 3110 | 11186 |
| 52 | ecopure | 21.25 | 21.25 | d | pf | water for dispenser inv627000 | 16.12.15 | 627000 | | | 2670 | 11189 |
| 53 | greenfields | 100.00 | 100.00 | d | pf | band pjazza milied inv9/15 | 21.12.15 | 9/15. | | | 3372 | 11181 |
| 54 | big friends guggen | 1000.00 | 1000.00 | d | pf | band pjazza milied inv1/01 | 21.12.15 | 1/01. | | | 3372 | 11187 |
| 55 | the madhatters | 150.00 | 150.00 | d | pf | band pjazza milied inv1 | 12.12.15 | 1 | | | 3372 | 11188 |
| 56 | topsy | 53.10 | 53.10 | d | pf | transport anzjani siggiewi hamrun inv7/11 | 7.11.15 | 7/11/15. | | | 3362 | 11191 |
| 57 | amanda amaira | 635.00 | 635.00 | d | pf | zumba sessions oct-dec15 inv4 | 21.12.15 | 4 | | | 3373 | 11192 |
| 58 | dolores farrugia | 50.00 | 50.00 | d | pf | carpet service party milied anzjani inv5 | 21.12.15 | 5 | | | 3362 | 11193 |
| 59 | milord | 3879.17 | 3879.17 | t | pf | cleaning non urban dec15 inv54 lcs10/14 | 31.12.15 | 54 | lcs10/14 | | 3052 | 11195 |
| 60 | milord | 80.00 | 80.00 | t | pf | watchman pjazza milied inv55 | 31.12.15 | 55 | | | 3372 | 11195 |
| | **Sub Total c/f** | **€7,850.61** | **€7,850.61** | | | | | | | | | |
| | **Sub Total b/f** | **€27,071.19** | **€27,071.19** | | | | | | | | | |
| | **Total** | **€34,921.80** | **€34,921.80** | | | | | | | | | |

0 Segretarju Eżekuttiv

**Approvati fis-Seduta Nru: 314 tal-18/1/16**

0 Kunsillier

**Kunsill Lokali Siggiewi** **Skeda Nru. 314**

**Data: 17/12/15-18/1/16**

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 61 | ronald bezzina | 250.00 | 250.00 | t | pf | cleaning pjazza milied inv12.1.16 | 12.1.16 | 12.1.16. | | | 3051 | 11194 |
| 62 | ronald bezzina | 2770.83 | 2770.83 | t | pf | street sweeping dec15 inv36 | 11.1.16 | 36 | | | 3051 | 11194 |
| 63 | ronald bezzina | 2770.83 | 2770.83 | t | pf | street sweeping nov15 inv35 | 11.1.16 | 35 | | | 3051 | 11194 |
| 64 | callus landscaping | 2710.00 | 2710.00 | t | pf | planting public spaces dec15 inv49 lcs18/ | 20.12.15 | 49 | lcs18/12 | | 3061 | 11196 |
| 65 | wasteserv | 2420.42 | 3146.16 | d | pp | msw waste 1/8/15-15/8/15 2420.42 | 1.9.15 | 59687 | lcs15/12 | | 3041 | 11197 |
| 66 | wasteserv | 3172.31 | 0.00 | d | pp | msw waste 17/8/15-31/8/15 3172.31 | 15.9.15 | 59983 | lcs15/12 | | 3041 | 11197 |
| 67 | wasteserv | 2951.43 | 3146.16 | d | pp | msw waste 1/9/15-14/9/15 2951.43 | 1.10.15 | 60336 | lcs15/12 | | 3041 | 11197 |
| 68 | wasteserv | 2631.91 | 0.00 | d | pp | msw waste 15/9/15-30/9/152631.91 | 15.10.15 | 60655 | lcs15/12 | | 3041 | 11197 |
| 69 | wasteserv | 2256.63 | 3146.16 | d | pp | msw waste 1/10/15-15/10/15 2256.63 | 2.11.15 | 60950 | lcs15/12 | | 3041 | 11197 |
| 70 | wasteserv | 2368.49 | 0.00 | d | pp | msw waste 16/10/15-30/10/15 2368.49 | 16.11.15 | 61231 | lcs15/12 | | 3041 | 11197 |
| 71 | guard and warden | 201.24 | 201.24 | d | pf | old church street dec15 invgs002844 | 31.12.15 | 2844 | | | 3191 | 11198 |
| 72 | kite | 466.10 | 466.10 | d | pf | design and coordination newsletter june15 | 28.9.15 | | | | 2610 | 11199 |
| 73 | kite | 466.10 | 466.10 | d | pf | design and coordination newsletter sept15 | 4.8.15 | | | | 2610 | 11199 |
| 74 | wasteserv | 2163.16 | 3146.16 | d | pp | msw waste 1/11/15-15/11/15 2163.16 | 1.12.15 | 61563 | lcs15/12 | | 3041 | 11197 |
| 75 | wasteserv | 2354.32 | 0.00 | d | pp | msw waste 16/11/15-30/11/15 2354.32 | 15.12.15 | 61854 | lcs15/12 | | 3041 | 11197 |
| 76 | natasha mizzi | 423.00 | 423.00 | k | pf | cleaning council premises dec15 70.5x6 l | 31.12.15 | | lcs29/12 | | 3055 | 11200 |
| 77 | john borg | 250.00 | 250.00 | d | pf | slats for repair benches po131/15 inv198 | 29.12.15 | 198 | | po131/15 | 2360 | 11201 |
| 78 | chetchuti tanya | 40.00 | 40.00 | d | pf | refund course drama rec17122 | 31.12.15 | 17122 | | | 3373 | 11202 |
| 79 | emidio camilleri | 551.63 | 551.63 | t | pf | cleaning public conveniences dec15 lcs24 | 5.1.16 | 29 | lcs24/13 | | 3053 | 11203 |
| 80 | emidio camilleri | 54.00 | 54.00 | t | pf | public conv. extra hrs pjazza milied lcs24 | 31.12.15 | 30 | lcs24/13 | | 3053 | 11203 |
| | **Sub Total c/f** | **€31,272.40** | **€23,538.37** | | | | | | | | | |
| | **Sub Total b/f** | **€0.00** | **€0.00** | | | | | | | | | |
| | **Total** | **€31,272.40** | **€23,538.37** | | | | | | | | | |

0 Segretarju Eżekuttiv

**Approvati fis-Seduta Nru: 314 tal-18/1/16**

0 Kunsillier

**Data: 17/12/15-18/1/16**

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 81 | maltapost | 23.29 | 23.29 | d | pf | renewal business reply service inv31.12.1 | 31.12.15 | 31.12.15 | | | 2650 | 11204 |
| 82 | smart office supplies | 29.43 | 29.43 | d | pf | stationery po2/16 inv33683 | 14.1.16 | 33683 | | po2/16 | 2620 | |
| 83 | louis stationery | 160.90 | 160.90 | d | pf | newspapers sept-dec15 inv346 | 15.1.16 | 346 | | | 2950 | 11206 |
| 84 | louis stationery | 260.00 | 260.00 | d | pf | postage stamps inv348 | 15.1.16 | 348 | | | 2650 | 11206 |
| 85 | louis stationery | 25.10 | 25.10 | d | pf | stationery inv348 | 15.1.16 | 348 | | | 2620 | 11206 |
| 86 | natasha mizzi | 58.78 | 58.78 | k | pf | detergents receipts provided | 15.1.16 | | | | 2220 | 11200 |
| 87 | h. messina ferrante | 367.82 | 367.82 | d | pf | court case lcs32/15 | 14.10.15 | | lcs32/15 | | 3140 | 11207 |
| 88 | vodafone | 93.60 | 93.60 | d | pf | 99762218 dec15 inv5020581012016 | 1.1.16 | 5020581012016 | | | 2160 | 11208 |
| 89 | spiteri brian | 50.00 | 50.00 | d | pf | refund photography course rec17123 | 18.1.16 | 17123 | | | 3373 | 11211 |
| 90 | borg nathan | 50.00 | 50.00 | d | pf | refund photography course rec 17127 | 18.1.16 | 17123 | | | 3373 | 11210 |
| 91 | vassallo silvan | 50.00 | 50.00 | d | pf | refund photography course rec17128 | 18.1.16 | 17128 | | | 3373 | 11209 |
| 92 | g4s security services | 216.30 | 216.30 | d | pf | security exhibition pjazza milied invGS13 | 14.1.16 | gs13756 | | | 3372 | 11212 |
| 93 | cir | 3005.76 | 3005.76 | d | pf | cir - dec15 | 31.12.15 | | | | | |
| 94 | gmm | 824.76 | 824.76 | t | pf | accounting jan-march15 bill-0091 | 9.7.15 | bill-0091 | | | 3160 | 11165 |
| 95 | actel 3d | 188.80 | 188.80 | d | pf | distribution of newsletter dec15 inv114 po | 23.12.15 | 114 | | 129/15 | 2930 | 11173 |
| 96 | ta kandja | 306.80 | 306.80 | d | pf | christmas star for tree pjazza milied inv52 | 11.12.15 | 5251134 | | | 3372 | 11205 |
| 97 | ta kandja | 660.80 | 660.80 | d | pf | rings for christmas decorations pjazza mil | 11.12.15 | 5251134 | | | 3372 | 11205 |
| 98 | bank of valletta | 15.00 | 15.00 | d | pf | bank of valletta - 100 deposit bags | 19.12.15 | | | | 3035 | 11163 |
| 99 | carmelo sciberras | 650.00 | 650.00 | d | pf | sound operator pjazza milied inv6 | 12.12.15 | 6 | | | 3372 | 11215 |
| 100 | | | | | | | | | | | | |
| | **Sub Total c/f** | **€7,037.14** | **€7,037.14** | | | | | | | | | |
| | **Sub Total b/f** | **€0.00** | **€0.00** | | | | | | | | | |
| | **Total** | **€7,037.14** | **€7,037.14** | | | | | | | | | |

0 Segretarju Eżekuttiv

**Approvati fis-Seduta Nru: 314 tal-18/1/16**

0 Kunsillier